# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 27 ta' Mejju 2002**

**Numru 1**

**Avviz numru 740/96mm**

**Korporazzjoni Telemalta u b'digriet tal-Qorti tal-20 ta' Jannar, 1998, gew sostitwiti l-kliem 'Korporazzjoni Telemalta' bil-kliem 'Maltacom plc'**

**vs**

**Joseph Tonna u b'digriet tal-Qorti tat-23 ta' April, 1997 gie kjamat fil-kawza Alfred Mamo**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-Korporazzjoni attrici fid-19 ta' Awissu, 1996, fejn talbet lil din il-Qorti illi tikkundanna lill-konvenut illi jhallas

lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' mitejn u hamsa u erbghin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm245.95) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 581566 (skond l-anness statement Dokument A) liema servizz gie nstallat fuq talba tal-konvenut.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-prezentata ta' l-Avviz, tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Mejju, 1996, tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali u l-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Tonna fejn eccepixxa:

1. Illi s-somma mitluba mill-attur mhix dovuta mill-konvenut.

Ghaldaqstant it-talbiet kollha ta' l-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' April, 1997, fejn ordnat il-kjamat fil-kawza ta' Alfred Mamo.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza Alfred Mamo fejn eccepixxa illi:

1. Preliminarjament il-preskrizzjoni kemm biennali u kif ukoll kwinkwennali.

2. Fil-mertu, u bla ebda pregudizzju ghas-suespost, illi t-talbiet attrici in kwantu diretti kontra tieghu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi, in rigward tal-linja tat-telephone numru 581566 ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta' attrici u l-eccipjent odjern.

3. Illi l-eccipjenti mhu responsabbli ghall-ebda hlas, la tas-servizz, la tal-kera u lanqas ta' konsum in rigward tal-linja tat-telephone numru 581566.

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri ta' Joseph Tonna fejn eccepixxa ulterjorment:

Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti tal-istess konvenut, it-talba attrici jew parti minnha hija preskritta bil-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar ai termini ta' l-Artikolu 2148 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza preliminari taghha tat-23 ta' Novembru, 1999, fejn idecidiet il-kwistjoni ta' preskrizzjoni mqajjma mill-konvenut u il-kjamat fil-kawza.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u id-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Jinghad mill-bidu nett illi din il-kawza mhijiex minghajr diffikultajiet taghha minhabba n-numru ta' trasfirementi tas-sidien illi saru fil-fond fejn kien installat is-servizz tat-telefon.

Jidher illi kien hemm diversi linji illi gew installati u wiehed minnhom kien dak bin-numru 581566 illi dwaru qed jintalab il-hlas ta' mitejn u hamsa u erbghin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm245.95) ghall-perijodu bejn Settembru, 1992 u Dicembru, 1993.

Ghalhekk il-Qorti trid tara min kien responsabbli ghal dan il-fond f'dan il-perijodu u min kien applika ghal servizz tat-telefon biex dan il-fond ikun hekk munit.

Filwaqt illi mhuwiex kontestat illi l-Korporazzjoni attrici pprovdiet is-servizz illi taghha qeda titlob il-hlas, hemm kontroversja dwar min kien responsabbli ghal dan il-hlas u cioe', il-konvenut Joseph Tonna jew inkella l-kjamat fil-kawza Alfred Mamo.

Il-konvenut Joseph Tonna qatt ma ta x-xhieda tieghu f'dawn l-atti. Izda Alfred Mamo kien estensiv fix-xhieda tieghu, ghad illi f'xi partijiet kien nebulus minhabba t-trapass taz-zmien u il-persuni illi kienu qeghdin joperaw dan il-fond.

Ma hemmx dubbju illi l-aktar zewg dokumenti mportanti f'din il-kawza huma l-ittra illi ntbaghtet lill-Korporazzjoni fl-4 ta' Gunju, 1990, allegatament minn Alfred Mamo fejn qieghed jghid illi kellu jassumi r-

responsabbilta' kollha tat-telefonati illi kien ghamel John Mallia illi kien qed jopera il-fond qablu.

Id-dokument a Fol 94 huwa l-ftehim datat 31 ta' Jannar, 1992. Filwaqt illi l-firma ma hijiex decifrabbli, hdejh hemm miktub Alfred Mamo u fil-*brackets "owner"*.

Din l-ahhar firma ma hijiex kompatibbli mal-firma illi tidher fl-ittra ta' l-4 ta' Gunju, 1990. Fit-trattazzjoni tieghu, l-avukat tal-kjamat fil-kawza qal dawn il-firem fiz-zewg dokumenti mhumiex tal-kjamat fil-kawza ghad illi l-indirizzi u in-numri tal-*Identity card* huma korretti.

Ikkunsidrat:

Biex il-Qorti tasal ghal xi forma ta' soluzzjoni ghal din il-kobbla mhabbla bejn sidien, applikazzjonijiet u ismijiet differenti ta' l-istess fond, il-Qorti trid tabbina d-dokumenti illi ghandha max-xhieda illi hemm prodotti.

Bhalma diga inghad, il-Qorti ma tistax tiskarta l-ittra ta' l-4 ta' Gunju, 1990, illi hemm l-*acknowledgement* taghha a Fol 76, ipprezentata mill-kjamat fil-kawza stess peress illi din hija ndikazzjoni cara ta' l-origini ta' dan is-servizz illi tieghu qed jintalab il-pagament. Din l-ittra

tikkunbacja bis-shih max-xhieda ta' Alfred Mamo a Fol 72, meta jghid, "Meta ghaddejt it-telefon lil John Mallia ma kontx dawwart it-telefon fuqu u baqa' registrat fuq ismi, tela' xi kont ta' xi sitt mitt lira (Lm600.00) u kelli nhallashom. Imbaghad ordnajt illi l-linja tinqata."

Dana huwa propju dak illi talab Alfred Mamo f'dik l-ittra ta' l-4 ta' Gunju, 1990. Dan, abbinat mall-fatt illi l-*acknowledgement* ta' din l-ittra giet ipprezentata f'dawn l-atti mill-istess Alfred Mamo, jikkonvinci lill-Qorti illi l-ittra ta' l-4 ta' Gunju, 1990, intbaghtet minn Alfred Mamo, fejn fost affarijiet ohra qed jitlob lill-Korporazzjoni li, "This leaves me no option but to apply for a new telephone line." Dana huwa propju dak illi qal lil din il-Qorti a Fol 72. Din il-linja inghatat permezz ta' ftehim tal-31 ta' Jannar, 1992. Mhuwiex car min iffirma din l-iskrittura, pero' hu x'hinu, kienet fuq talba ta' Alfred Mamo illi din il-linja bin-numru 581566 giet operattiva.

Il-kontijiet illi taghhom qed jintalab il-hlas huwa bejn Settembru, 1992, u Dicembru, 1993, f'liema perijodu jidher illi r-*restaurant* kien qed jigi operat minn James Pawley u/jew il-konvenut Joseph Tonna u/jew Eugenia Louise Agius.

Mhuwiex car min minnhom kien qed jopera f'liema zmien, peress illi jidher kont mibghiut lil James Pawley datat 30 ta' Gunju, 1991 (Fol

81).  Filwaqt illi f'April, 1994, hemm skrittura fejn Joseph Tonna qieghed jiddikjara illi huwa *sole owner* tal-fond imsemmi u li James Pawley m'ghandux resposabbilitajiet aktar fuq dak il-fond. Interessanti illi ftit xhur qabel, fl-20 ta' Jannar, 1994, saret dikjarazzjoni minn Joseph Tonna (Fol 80) fejn qieghed jghid illi huwa ha dan il-fond fil-11 ta' Mejju, 1993, minghand Mrs Eugenia Louise Agius, li min-naha taghha kienet haditu minghand James Pawley fl-1 ta' Frar, 1992.

Skond din id-dikjarazzjoni quindi, l-operaturi ta' dan il-fond bejn Settembru, 1992 u Dicembru, 1993, li huwa l-perijodu illi qed ikopri l-hlas mill-Korporazzjoni attrici, kienu Mrs Eugenia Louise Agius u il-konvenut Joseph Tonna.  Jibqa' l-fatt pero' illi f'dan il-perijodu ma hemm l-ebda talba sabiex il-linja tat-telefon ezistenti ddur fuq xi wahda minn dawn il-persuni.  U ghalhekk kif tajjeb qal Noel Scerri a Fol 65, ghal fini tal-Korporazzjoni attrici ir-*registered consumer* huwa Alfred Mamo.

Il-Qorti jidhrilha illi minkejja d-divergenzi fil-firem illi hemm bejn l-ittra ta' l-4 ta' Gunju, 1990, u il-ftehim tal-31 ta' Jannar, 1992, ir-*registered consumer* tas-servizz in-kwistjoni ghandu jitqies illi huwa l-kjamat fil-kawza Alfred Mamo.  Dan ifisser quindi, illi huwa l-kjamat

fil-kawza Alfred Mamo responsabbli ghall-kontijiet imsemmija mill-Korporazzjoni attrici u li taghhom qeda titlob il-hlas.

F'kawza deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Ottubru, 1993, fl-ismijiet John A. Scicluna nomine vs Albert Cassar il-Qorti kienet qalet illi, abbinat tat-telefon ikun responsabbli ghall-hlasijiet kollha tas-servizz jekk huwa ma jinnotifikax lic-Chairman tat-Telemalta bi bdil ta' l-okkupazzjoni ta' fond fi zmien sebat (7) ijiem minn tali bdil. Evidentement dan ma sarx f'dan il-kaz u Alfred Mamo baqa' jidher bhala *registered consumer* mat-Telemalta illi dahlet fil-ftehim datat 31 ta' Jannar, 1992, in buona fede u m'huwiex mistenni illi dina toqghod tindaga bil-provenjenza tal-firem u/jew persuni illi jigu ghandha biex japplikaw ghal servizz. Jekk kien hemm xi hadd li kien in mala fede fejn pogga firma illi ma kinitx tieghu, zgur li ma kinitx it-Telemalta illi, kif inghad dejjem agixxit in buona fede u ghandha dritt tigi mhallsa ghas-servizz illi hija tipprovdi. Dan is-servizz ghal fini tal-Ligi pprovdietu lil Alfred Mamo u allura huwa ghandu jkun responsabbli ghal dawn il-hlasijiet. Jekk Alfred Mamo jidhirlu illi ghandu xi drittijiet fil-konfront tal-konvenut l-iehor Joseph Tonna, allura dan ghandu jarahom separatament u mhux f'din il-kawza.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tal-Korporazzjoni attrici u filwaqt illi tillibera lil konvenut Joseph Tonna mill-osservanza tal-gudizzju, tikkundanna lill-kjamat fil-kawza Alfred Mamo li jhallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' mitejn u hamsa u erbghin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm245.95) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 581566 liema servizz gie nstallat fuq talba tieghu.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz kontra l-kjamat fil-kawza.

**Anthony Zammit**
**Deputat Registratur**